



Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

11022/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0156(NLE)

AVIATION 154
CHINE 8
RELEX 697

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili – Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-18 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili (9137/18 u 9527/18 rispettivament).
2. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, ġiet adottata mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2018 u l-Ftehim ġie sussegwentement iffirmit fl-20 ta' Mejju 2019, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fil-21 ta' Awwissu 2018¹.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/1153 (*ĠU L 210, 21.8.2018, p. 2-2*)

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni fil-laqgħat tiegħu tal-4 ta' Lulju, il-5 u l-10 ta' Settembru, l-24 ta' Ottubru u s-7 u l-14 ta' Novembru 2019. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill emendata dwar il-konklużjoni ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
 5. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 14185/19, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 9702/18, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
-